

ECHA/PR/15/10

# Lestu għall-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni għas-sustanzi kimiċi

Is-sustanzi kimiċi kolha prodotti jew importati fiż-Żona Ekonomika Ewropea f'bejn 1 sa 100 tonnellata metrika f'sena jeħtieġ li jiġu rreġistrati sat-30 ta' Mejju 2018 mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). Din hija l-aħħar skadenza għal sustanzi kimiċi eżistenti taħt ir-Regolament REACH. Tikkompleta l-ġbir ta' dejta dwar is-sustanzi mmanifatturati jew użati fl-Ewropa, u fl-aħħar mill-aħħar ser ittejjeb is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

**Helsinki, 23 ta' Ġunju 2015** – Il-kumpaniji jeħtieġ li jirreġistraw sal-iskadenza biex ikunu legali fis-suq. Barra minn hekk, kumpaniji li rreġistraw is-sustanzi kimiċi tagħhom ser ikunu jistgħu juru lill-klijenti tagħhom li huma fornitur responsabbli li kkontribwixxa għall-użu sigur tas-sustanzi kimiċi.

L-ewwel fażi tar-reġistrazzjoni REACH tal-2018 hi li tkun taf dwar il-portfoljo tiegħek u tidda l-preparazzjonijiet issa. Kumpaniji għandhom janalizzaw il-bejgħ u l-volumi ta' produzzjoni taħt il-portfoljo tas-sustanzi tagħhom, jirrevedu l-obbligi tagħhom taħt REACH, u jippjanaw dwar kif jimmaniġġjaw ir-reġistrazzjonijiet tagħhom għall-aħħar skadenza. L-identifikazzjoni korretta tas-sustanzi f'dan l-istadju bikri hija essenzjali għall-proċess.

L-ECHA, l-Istati Membri u organizzazzjonijiet tal-industrija qegħdin hawn biex jgħinu lil reġistranti potenzjali u t-taqsimi web ġdida ta' Sostenn fuq is-sit web tal-ECHA ser tgħin视角 bil-kompiti tar-reġistrazzjoni tagħhom. Sostenn aktar Prattiku ser isir disponibbli f'fażijiet tul is-snin li ġejjin. Il-paġni REACH 2018 jaħdmu bħala passarella għall-informazzjoni kollha rilevanti.

Webinar dwar l-ewwel fażi ser iseħħ nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju fil-11:00 (ħin ta' Helsinki). Dan ser joffri għarfien bażiku dwar liema sustanzi jeħtieġ li jiġu rreġistrati, liema informazzjoni ser tkun meħtieġa, u liema elementi ser jikkontribwixxu għall-ispiża tar-reġistrazzjoni. Kumpaniji li jipparteċipaw ser ikollhom l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet lil esperti tal-ECHA.

## L-isfond

L-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni REACH ser tkun fil-31 ta' Mejju 2018. Din l-iskadenza tikkonċerna kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi kimiċi f'volumi baxxi, bejn 1-100 tonnellata metrika kull sena. Il-kumpaniji għandhom ikunu konxji li l-obbligi huma ħafna akbar għal sustanzi f'volumi bejn 10 sa 100 tonnellata metrika meta pparagunati mal-kategorija minn 1 sa 10 tonnellati metriċi.

F'Jannar 2015, l-ECHA ippubblikat il-Pjan Direzzjonali REACH 2018 tagħha, li jaqsam ir-reġistrazzjoni f'seba' fażijiet, u jiddeskrivi l-punti primarji ta' kull fażi u attivitajiet ta' sostenn li l-ECHA tippjana li tagħti lil reġistranti.

## **Iktar informazzjoni**

Irreġistra issa: Webinar REACH 2018: Kun af il-portfolji tiegħek u ibda pprepara issa

[http://echa.europa.eu/view-webinar/-/journal\\_content/56\\_INSTANCE\\_DdN5/title/reach-2018-know-your-portfolio-and-start-preparing-now](http://echa.europa.eu/view-webinar/-/journal_content/56_INSTANCE_DdN5/title/reach-2018-know-your-portfolio-and-start-preparing-now)

Paġni web REACH 2018

<http://echa.europa.eu/reach-2018>

Uffiċċji tal-Infurmazzjoni

<http://echa.europa.eu/support/helpdesks/>

Bullettin tal-ECHA – REACH

<http://newsletter.echa.europa.eu/home/-/newsletter/tag/reach>

Materjal tal-isfond għall-mezzi tax-xandir

<http://echa.europa.eu/press/press-material/pr-for-reach-2018>